MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2014

Appell Kriminali Numru. 312/2012

Il-Pulizija
(Spettur Maria Stella Attard)
vs
**Sean Zammit**
iben Anthony, imwieled Pieta' fil-31 ta' Mejju, 1992,
detentur tal-karta ta' l-identita' numru 276892(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Sean Zammit, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fid-19 ta' Lulju 201l, ghal habta tat-2000hrs, fi Gzira Road, Gzira u fil-5 ta' Awwissu, 2011 bejn il-1500 hrs u il-1515hrs fi Triq is-Sebh, Qormi:

(1) saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HBI-607 meta kellu licenzja sospiza u meta kien hekk skwalifikat milli jsuq b'zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' Marzu, 2011;
(2) saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HBI-607 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita ghat-

Trasport f'Malta that dik il-kategorija specifikata biex isuq l-imsemmija vettura;
(3) b'hekk saq l-imsemmija vettura meta ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji ta’ terzi persuni;
(4) ikkommetta reat punibbli bil-prigunerija waqt il-periodu attiv tas-sentenza sospiza imposta fuqu fl-10 ta’ Marzu, 2011 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta);
(5) sar recidiv b'zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 10 ta’ Marzu, 2011, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-akkuzat jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghall-periodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Gunju, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-ammissjoni, l-Qorti ghal dak li jirrigwarda l-ewwe1, it-tieni u it-tielet akkuza, sabet lill-imputat hati u ikkundannatu piena komplessiva ta' h sitt (6) xhur prigunerija u multa ta' sitt elef u disa mija Euro (€6,900) u issospenditlu l-licenzja tas-sewqan ghal periodu ta' sena. Fil-waqt illi ghal dak li jirrigwarda r-raba u l-hames akkuzi, iddikjarat illi z-zewgt sentenzi moghtija mill-Qorti ta1-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-10 ta' Marzu, 2011 rigwardanti l-akkuzi li saru fit-12 ta' Jannar, 2009 u fit-22 ta' April, 2009 ghandhom jidhlu fis-sehh a tenur tal-artikolu 28B ta1-Kodici Kriminali.

Il-Qorti wara illi rat il-persistenza ta' l-imputat illi jikser l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi ripetutament u minkejja ordnijiet moghtija lilu minn diversi Qrati, a tenur ta' l-artikolu 3(2)(c) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta ordnat l-konfiska ta1-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HBI-607.

Rat ir-rikors tal-appellant Sean Zammit minnu pprezentat fil-15 ta’ Gunju, 2012 fejn talab li din il-Qorti jogħoġobha tirriforma s-sentenza moghtija fil-5 ta' Gunju 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Gudikatura Kriminali per Magistrat Dr. Francesco Depasquale u dan billi tikkonfermaha fejn l-appellant instab hati taht l-ewwel,

ir-raba' u il-hames akkuza izda jinghad 'stricto jure' li l-hames akkuza mhi akkuza xejn imma hija adebit ghall-akkuzi l-ohra, tvarjha ghal dak li jikkoncerna it-tieni akkuza billi tiddikjara l-istess akkuza bhala kompriza u involuta fl-ewwel akkuza, tvarjha ghal dak li jikkoncerna t-tielet akkuza billi tilliberah mill- istess, u tipprovdi ghal piena iktar mita u idonea fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi it-tielet akkuza hija 'non sequitur' ghaz-zewg akkuzi precedenti. Il-meru fatt li l-esponent ma kellux licenzja tas-sewqan ma jfissirx b'mod awtomatiku li allura l-esponent ma kienx kopert minn polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni u dan kif ser jigi ampjament spjegat waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell.

Illi in oltre jidher li t-tieni akkuza hija kompriza u involta fl-ewwel akkuza minhabba fin-nexus guridiku u naturali ta' dawn iz-zewg akkuzi.

Illi l-piena fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva u anke tenendo kont l-eta' tal-appellant li dak iz-zmien kellu biss dsatax-il sena.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat li l-appellant ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu fl-udjenza tad-29 ta' Mejju, 2012.

Illi ghandu jinghad ukoll li l-appellant kien informa l-ewwel Qorti li l-vettura in kwistjoni kienet koperta minn polza tal-assikurazzjoni kontra riskji ghal terzi. Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha stess fl-

ismijiet ‘Il-Pulizija v. Mirko Giannetti’, appell deciz fit-22 ta’ Jannar, 2014 u ghalhekk l-appellant ghandu jigi liberat minn din l-akkuza ghar-ragunijiet infraskritti fis-sentenza citata.

Illi l-appellant qed jilmenta li l-piena erogata mill-ewwel Qorti hi wahda eccessiva tenut kont li meta l-appellant ikkometta dawn ir-reati kellu biss dsatax il-sena. Din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li s-sentenza tal-ewwel Qorti kkonsidrat iz-zewg incidenti tad-19 ta’ Lulju, 2011 u tal-5 ta’ Awwissu, 2011 bhala reat wiehed kontinwat u ta’ dan l-appellant ibbenfika. F’dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li ma ghandhiex tiddisturba d-distrezzjoni tal-ewwel Qorti billi tali piena hi fil-parametri mposti mill-ligi. Lanqas ma hi tal-fehma li s-sentenzi sospizi ma ghandhomx jidhlu fis-sehh. Dan ghal fatt ukoll li dawk is-sentenzi jirrigwardaw l-imgieba tal-appellant fis-sewqan u jidher car li ma hax l-opportunita’ li taghtu l-Qorti biex igib ruhu skont il-ligi izda ghamel ta’ rasu.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tiddisponi mill-appell kif gej billi fil-waqt li tilqa l-appell u thassar u tirrevoka s-sentenza appellata dwar it-tielet akkuza, li tirrigwarda l-polza ta’ assikurazzjoni, migjuba kontra Sean Zammit u ghalhekk tilliberah minn din l-imputazzjoni u piena. Tikkonferma il-bqija tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u ghalhekk tichad il-kumplament tal-appell. Dwar il-piena ghal hlas ta’ multa ta’ sitt telef u disa’ mitt euro (€6,900) din il-Qorti thassar u tirrevoka l-multa nflitta u minflok timponi multa ta’ erba’ telef u sitt mitt euro (€4,600).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------